# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu 2019**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 1170/2018/LSO**

**Josephine Vella**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Josephine Vella bil-karta tal-identita` numru 374461M datat 23 ta' Novembru 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

IIIi l-esponenti, twieldet fis-27 ta' Mejju 1961 u giet registrata bhala Josephine Teresa Mary Said u konsegwentament fis-26 ta' April 1992 izzewget li Epifanio Vella u ghalhekk illum jisimha Josephine Vella;

Illi fl-att tat-twelid tal-esponenti li jgorr in-numru progessiv 3744 tal-1961, il-genituri tal-esponenti gew indikati bhala Salvu Said bin Saviour Said u Nazzarena *wife of the said* Salvu Said bint Carmel Galea, certifikat anness u mmarkat bhala Dok A, filwaqt illi fic-certifikat tal-maghmudija mahruga mill-parrocca tal-Imgarr l-esponenti giet maghmda fit-28 ta' Mejju 1961 bhala Josepha Said bint Salvatore Said u Rosaria nee Galea annessa u mmarkata bhala Dok B;

Illi skont ic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tal-esponenti bin-numru 1418/1947 Saviour Said bin Francis Xavier Said u Helen Farrugia izzewweg lil **Rosaria Galea** bint Carmel Galea u Marianna Tonna fis-17 ta' Awwissu 1947 certifikat anness u mmarkat bhala Dok C. Illi skont ic-certifikat taz-zwieg mahruga mill-parrocca tal-Imgarr Salvator Said bin Saverio u Helena Farrugia zzewweg lil Rosaria Galea bint Carmelo u Marianna Tonna fis-17 ta' Awwissu 1947 anness u mmarkat bhala Dok D;

Illi mic-certifikat tat-twelied ta' omm l-esponenti wiehed jista' ikkonferma illi kienu ghaddew 20 sena mit-twelid taghha meta hija zzewget lil missier l-esponenti u l-ismijiet tal-genituri ta' omm l-esponenti huma l-istess kemm fic-

certifikat tat-twelid ta' omm l-esponenti hawn annessa u mmarkata bhala Dok E kif ukoll fic-certifikat taz-zwieg;

Illi fic-certifikat taz-zwieg tal-esponenti, fil-kolonna li taghmel referenza ghal isem u kuljom il-genituri tal-esponenti, omm l-esponenti giet indikata bhala Nazzarena Galea flok Rosaria nee Galea certifikat anness u mmarkat bhala Dok F ghax l-informazzjoni tkun ittiehdet mic-certifikat tat-twelied;

Illi fic-certifikat tal-twelied ta' hu l-esponenti Pius Said il-genituri tieghu gew imnizzlin korrettement bhala Saviour Said u Rosaria *wife of the said* Saviour Said certifikat anness u mmarkat bhala Dok *G;*

Ghaldaqstant ir-rikorrenti ma ghandhomx triq ohra ghajr li jipprocedu b'din il-kawza u ghalhekk qed issir talba biex isiru l-korrezzjonijiet necessarji u opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti u fic-certifkat taz-zwieg tal-esponenti;

Illi jirrizulta illi saret referenza fic-certifikat tat-twelied tal-esponenti kif ukoll ta' hu l-esponenti li l-missier ma kienx jaf jikteb u ghalhekk dan l-izball zgur ma sarx minhabba f' xi nuqqas ta' missier l-esponenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogfigobha:

1. Tiddikjara li sar zball fic-certifikat tat-twelied tal-esponenti bin-numru progressiv 3744 tal-1961 u

konsegwentament fic-certifikat taz-zwieg tal-esponenti bin-numru 536 tal-1992;

2. Tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru progessiv 3744 tal-1961, fis-sens li fejn isem omm l-esponenti tnizzel bhala Nazzarena *wife of* Salvu Said jigi mibdula ghal Rosaria wife of Salvu Said;

3. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tal-esponenti fis-sens illi fejn omm l-esponenti tnizzlet bhala Nazzarena nee Galea jigi mibdula ghal Rosaria nee Galea;

Bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Frar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta' Jannar 2019 (fol 22) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju iehor sabiex titlob korrezzjoni fl-Att tat-Twelid u kif ukoll taz-Zwieg taghha. Dan ir-rimedju huwa stipulat f'Artikolu 257(1)(a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni tal-ismijiet tal-genituri tal-wild jew tal-parti li tkun se tizzewweg - liema korrezzjoni tista' ssir fuq

ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 3744 tas-sena 1961 u fl-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv 536 tas-sena 1992, hekk kif mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, dan kif proprju jixhdu l-Atti in kwistjoni li jinsabu hawn annessi u rnmarkati bhala ‘Dok DRP 1' u 'Dok DRP 2'. Fl-atti annessi jidher car li fir-rigward tal-Att tat-Twelid, kien proprju missier ir-rikorrenti li ddikjara tali informazzjoni hekk kif tinsab fl-Att in kwistjoni, filwaqt li fl-Att taz-Zwieg kienu proprju r-rikorrenti u zewgha li ddikjaraw tali inforrnazzjoni. Stante s-suespost u li l-persuni msemmija ffirmaw u kkonfermaw id-dikjarazzjonijiet hawn fuq msemmija, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 5 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru r-rikorrenti assistita u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jistriehu fuq l-atti u li ma kellhomx provi ulterjuri. Dr Ellul zammet ferm dwar il-kap tal-ispejjez, ghalkemm dan qed jigi kkontestat mir-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Marzu 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2019 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghall-14 ta' Marzu 2019.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** saret debitament fit-3 ta’ Dicembru 2018 (fol 18).

Ir-rikorrenti qed titlob li jigi korrett l-att tat-twelid taghha u fejn hemm indikat isem ommha bhala “Nazzarena wife of Salvu Said”, dan il-kliem ghandu jigi sostitwit b’”Rosaria wife of Salvu Said.”  Hi qed titlob li jigi korrett ukoll l-att taz-

zwieg taghha fis-sens li fejn hemm indikat il-kliem ta' ommha bhala "Nazzarena nee` Galea", dan jigi sostitwit b' "Rosaria nee` Galea".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, il-veracita` ta' dak li qed jintalab fir-rikors odjern. Ghal dan il-ghan, hija esebiet, ic-certifikat tal-maghmudija anness mar-rikors promotur bhala Dok B, fejn isem ommha hu indikat bhala Rosaria. Ikkunsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* "l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg u mewt, u d-disposizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan," (**art.629(b) tal-Kap 12**). Illi r-rikorrenti esebiet ic-certifikat tal-maghmudija, debitament iffirmat mill-kappillan, fejn jirrizulta, li isem ommha hu Rosaria nee` Galea.

*Di piu`*, r-rikorrenti esebiet l-att taz-zwieg tal-genituri taghha, Dok C, u c-certifikat taz-zwieg mahrug mill-Parrocca tal-Mgarr, fejn isem ommha hu indikat Rosaria Galea. Esebiet ukoll l-att tat-twelid ta' ommha, Dok E, fejn hija mnizzla bl-isem Rosaria. Gie esebit ukoll, l-att tat-twelid ta' hu r-rikorrenti, Dok G, fejn isem il-genituri gie mnizzel korrettement, u huma indikati bhala Saviour Said u 'Rosaria wife of the said Saviour Said'.

Inoltre`, hija xehdet permezz ta' affidavit, fejn ikkonfermat bil-gurament, li hi bint Salvu Said u Rosaria Galea, izda fl-att tat-twelid taghha, bi zball tnizzel li ommha hi Nazzarena Galea. Fil-fatt qalet li oht ommha jisimha Nazzarena u

mhux ommha, u c-certifikat tal-maghmudija taghha hu korrett u jindika li ommha jisimha Rosaria. Qalet li ommha llum ghandha wiehed u disghin sena u missierha mejjet. Qalet ukoll, li jidher car mic-certifikat taz-zwieg tal-genituri taghha, li Rosaria hi mart Salvu Said, missier ir-rikorrenti.

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talbiet kif dedotti, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ghalhekk, fid-dawl tad-dokumenti, u tal-affidavit esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet kif dedotti huma gustifikati, u ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti. Izda, taqbel mal-intimat, li m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz *stante*, li jirrizulta, li kemm l-att tat-twelid u l-att taz-zwieg tar-rikorrenti esebiti bhala Dok DRP1 u DRP2 mar-risposta, missier ir-rikorrenti, u r-rikorrenti u zewgha kienu d-dikjaranti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li sar zball fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 3744 tal-1961, u konsegwentement, fl-att taz-zwieg numru 536 tal-1992.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid numru 3744 tal-1961 fis-sens li fejn isem omm ir-rikorrenti tnizzel bhala "Nazzarena

wife of Salvu Said", dan jigi sostitwit bil-kliem "Rosaria wife of Salvu Said".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att taz-zwieg numru 536 tal-1992 fis-sens li fejn omm ir-rikorrenti tnizzlet bhala "Nazzarena nee` Galea", din tigi sostitwita bil-kliem "Rosaria nee` Galea".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Marzu 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu 2019**